MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru. 595/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**

**VS**

**Brandon Luke Meilaq, iben Grazio u Salvina nee' Azzopardi, imwieled Tal Pieta' nhar is-7 ta' Novembru, 1986, residenti fil-fond numru 88A, Frott il-Gharaq, Triq il-Kbira, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 530286M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Brandon Luke Meilaq** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Dicembru, 2009, u fit-tlitt xhur ta' qabel:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli forna jew ipprokura li offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Dicembru, 2009, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u

meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mil-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikouzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

e. Fl-ahhar nett talli b'hekk kiser ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano, sentenza li nghatat fit-2 ta' Dicembru, 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. (Artiklu 22 tal-Kapitlu 446).

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll illi l-Avukat Generali fl-ewwel lok baghat l-Ordni ta' kompetenza ta' Qorti Kriminali (folio 3); konsegwentement din il-kawza bdiet u mxiet bhala whada

Istruttorja, konsegwentement intbaghtet il-Kontro Ordni dejjem taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, a folio 146 tal-atti.

Semghet lill-Ispettur Victor Aquilina jixhed dwar investigazzjoni li saret fil-konfront tal-imputat, illi kien juza vettura tal-ghamla Toyota Vitz numru tar-registrazzjoni BLM786. Xehed dwar osservazzjoni li kienet qieghda ssir fil-konfront tieghu u kif hu gie mwaqqaf u saret tftittxija fil-vettura tieghu, fejn instabu sustanza bajda u ohra kannella, suspettati droga. Instabu anke flus kif ukoll cellulari. Ezebixxa l-Ispettur l-istqarrija tal-istess Brandon Luke Meilaq, mehuda fil-21 ta' Dicembru, 2009, folio 15 Dok VA; id-droga; ic-cellulari msemmija; u l-flus.

Tali droga ezebita giet debitament ezaminata minn Godwin Sammut appozitament appuntat. Ikkonkluda ghalhekk:

*a.* "*Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 390_10_01, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 1.38grammi u l-purita' kienet ta' circa 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad illi hemm fid-dokument 390_10_01, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 1.25grammi, u l-purita' kienet ta' circa 40%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Dwar l-investigazzjoni li saret, it-tfittxija u l-konsegwenti rizultati, xehed PS 1036 Jonathan Pace. Qal illi fuq struzzjonijiet li jwaqqfu Vitz bajda BLM786, raw lill-imputat hiereg minn go residenza jaqsam it-triq u jidhol gol-vettura. Qal illi ghalhekk marru gol-vettura u fiha bdiet is-search, pero hu, flimkien ma' PS 396 ghamlu search fir-residenza.

PC 364 David Borg, xehed dwar is-search li saret fil-karozza tal-imputat. Qal illi l-imputat stess qallu li kellu xi affarijiet mohbija taht is-switch tat-tapizzerija tal-bieba tan-

naha tal-passiggier. Minn hemm jghid dan ix-xhud illi hareg hu stess pouch iswed b'ammont sostanzjali ta' flus fih, u anke xi pakketti bi trab suspettat droga.

PC 1372 Alan Cutajar, anke dan xehed illi waqt is-search fil-vettura l-imputat stess ghenhom anke bili tahom il-pouch iswed mohbi fil-bieba tal-karozza li kien fih ammont ta' flus, 9 pakketti bi trab abjad, 4 pakketti zghar bi trab kannella, u 2 pakketti naqra kbar bi trab kannella wkoll. Instabu wkoll skondtu mobile phones u flus fl-ammont ta' €758.

Minn naha tieghu, l-Ispettur Johann Fenech xehed dwar stqarrija li l-imputat kien irrilaxxa fis-6 ta' Ottubru, 2010 - allura mehuda wara l-akkuzi odjerni. Qal illi kienet saret search ohra fir-residenza tal-imputat fuq kaz iehor mhux relatat ma' dak in dezamina. Hawn l-imputat kien qallu li anke fi zmien tal-akkuzi, allura kien ibiegh il-coke u l-smack ghal xi hadd iehor imsejjah il-Pajpaj. Qal illi in vista' ta' din l-istqarrija, hu kien ser jiehu passi kontra dan il-Pajpaj.

L-istqarrija giet ezebita bhala Dok JJF a folio 100. Ikkonferma li kellu kaz pendenti mal-Ispettur Aquilina fuq traffikar ta' kokaina u eroina bejn Settembru u Dicembru 2009. Spjega li c-cellulari li kellu kien ghandu bejn il-perjodu ta' Lulju u Dicembru 2009; kien wiehed tal-ghamla Nokia u skondtu, ghalkemm il-linja kienet registrata fuqu, kien ta' dan il-Pajpaj. Qal illi hu stess kien ra lil dan Freddie Delia ghaddej bil-Mitsubishi Shogun blue, kien waqqfu hu stess u qallu li xtaq ibiegh mieghu. Dan kien accetta. L-ghada ltaqghu Haz Zabbar, hemm tah tliet pakketti eroina u tliet pakketti kokaina, u l-mobile. Qallu li kellu jaqdi lil min icempel. Jghid illi hekk ghamel. Jghid illi dejjem gab ix-xoghol minghand il-Pajpaj u li kien ibiegh il-pakketti versu €20-il wiehed. Qal ukoll illi kienu jaqsmu l-qliegh nofs bin-nofs. Dam jaqdi lil Freddie Delia ghal sitt xhur. Ikkonferma li Freddie dejjem kien jaghtih l-istess ammont ta' pakketti; li kienu jiltaqghu fl-istess post; illi kull pakkett kien ikun fih 0.2 grammi.

Giet ezebita wkoll sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlitt(3) snin. Is-sentenza ggib id-data tat-2 ta' Dicembru, 2008, Dok VA a folio 141.

In difesa xehdet biss Odelsie Bayliss, Probation Officer, illi qalet illi kienet qed issegwi lill-imputat fuq Probation moghtija fil-25 ta' Novembru, 2010, wara li kien instab hati ta' serq. Xehdet illi l-imputat kien hareg minn problema ta' droga, ghalkemm mhux wahda akuta. Qalet illi anke gie riferut lid-Detox lil Dr Moses Camilleri; pero li mal-Caritas kien iddejjaq imur ghand il-key worker. Gie anke riferut lill-Agenzija Sedqa u kien fuq il-waiting list, kif anke li kien bla xoghol. Qalet illi anke irriferietu ghal kors ta' life skills organizzat mid-Dlam ghad-Dawl biex jiffoka fuq ix-xoghol, pero hawn attenda darbtejn u waqaf. Qalet ukoll illi fl-10 ta' April, wara urine test, sabitu pozittiv ghall-kokaina (din ix-xhieda ttiehdet fid-19 ta' April, 2013).

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, l-imputat inqabad f'cirkostanzi li juri bic-car l-ispacc tal-eroina u kokaina. Il-Qorti hija ta' dan ferm konvinta mit-tfittxijiet illi ghamlu l-pulizija fil-vettura Vitz, kif ukoll dak illi hu ghazel illi jistqarr lill-Ispettur Johann Fenech aktar tard meta kien qieghed jigi nvestigat fuq kaz iehor. Fil-konfront tal-ewwel stqarrija, il-Qorti, in vista' li ttiehdet minghajr id-dritt ta' assistenza legali u in kwantu ghall-eta' tal-imputat dak iz-zmien, u anke l-istat mhux refrattarju tal-fedina penali tieghu, tqis illi din mhix ammissibbli.

Rat ukoll illi jirriuzlta li l-imputat fil-fatt kiser anke l-kundizzjoni mposta fuqu bl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-hames akkuza;
Rat ukoll l-Artikoli 9, 22(1), 22(2)(b), 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN292/1939 – LS 101.2 Reg 4, u ssibu hati tal-ewwel zewg akkuzi ta' traffikar tad-droga eroina u kokaina; filwaqt illi tqis it-tieni zewg akkuzi ta' pussess aggravat huma assorbiti fl-istess.

Dwar il-piena, qieset anke l-eta' tieghu, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija fi stadju inizzjali ta' din l-investigazzjoni, u ulterjurment meta kien qieghed jigi nvestigat persuna ohra; kif ukoll li l-ahhar koperazzjoni tieghu wasslet biex jitressaq din il-persuna.

Illi detto tutto cio', l-imputat huwa afflitt bil-vizzju ta' abbuz ta' droga, u ftit li xejn huwa motivat illi johrog mill-istess;
Qieset ukoll l-ammont ta' droga ta' spiss illi minnu giet spaccata.

Rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ghaldaqstant ghal piena karcerarja ta' tlitt snin u nofs, u ghal multa ta' €5,000;
Tikkundannah ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €816.20, dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------